Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 377/2014

Il-Pulizja

Spettur Elton Taliana

Vs

Paul Camilleri

Josephine Camilleri

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Paul Camilleri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 301357M u Josephine Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 406960M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 ta' Novembru 2010 u fil-gimghat u xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnkom, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fi Triq iz-Zaghfran Attard, bla hsieb li tisirqu jew li taghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercitaw jedd li tippretendu li ghandkom, gieghltu bl-awtorita taghkom infuskom, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li kun, jew fixkiltu lil xi had fil-pussess ta' hwejgu,

jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indhalt fi hwejjeg haddiehor billi fixkiltu lil Salvatore u Ersilia Borg mill-pussess ta' hwejjighom

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti illiberat lill-imputati minn din l-akkuza.

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi:

1. Tħassarha u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Paul u Josephine konjugi Camilleri ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra taghhom skond il-liġi u tinfliġġi fuqhom dik il-piena idonea skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appell tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fid-29 ta' Settembru 2014 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghalija.

Illi f`dan il-kuntest l-aggravju ta` l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellati u dana stante li minn ezami akkurat ta` l-atti processwali, jirrizulta b`mod

car illi l-fatt li l-imputati gew imharrka f'isimhom personali u mhux bhala diretturi tas-socjeta' Sovereign Holdings Ltd ma twassalx ghal-liberatorja tal-imputati u dan minhabba l-fatt illi l-kawza odjerna hija wahda dwar ragion fattasi.

Illi dan ghalhekk ifisser illi din m'hijiex kawza fejn il-kumpanija ma osservatx l-obbligi statutorji taghha bhal nghidu ahna l-kumpanija naqqset milli thallas l-impjegati taghha u allura l-imputat kellu jitharrek fil-kwalita' tieghu ta' direttur peress li hija l-kumpanija li qed timpjega. Fil-kaz in kwistjoni m'ghandniex lanqas sitwazzjoni fejn il-kumpanija naqqset mill-obbligi taghha u ma hallsitx it-taxxa jew il-VAT rigwardanti l-istess kumpanija ghax kien ikun f'tali kaz li l-imputati kellhom jitharrku bhala diretturi tas-socjeta' Sovereign Holdings Ltd u mhux f'isimhom personali.

Illi fil-kaz in ezami huwa superfluwu ghal kollox lil min jappartjeni l-garaxx in kwistjoni ghax kif hawn fuq surreferit qed nitkellmu dwar ragion fattasi. Illi ghalhekk huwa irrilevanti min huwa s-sid ghax tali kawza tista' tigi istitwita kontra kull inkwilin li ma jkunx is-sid u tista' anke tigi istitwita kontra kull okkupant tal-fond. Illi ahna m'ahniex fil-kamp civili fejn kollox jkun marbut mat-titolu tal-propjeta' izda hawn qeghdin biss nitkellmu dwar pretensjoni tad-dritt. Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponent l-imputazzjoni kif dedotta hija wahda valida u skond il-ligi.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qieghed isejjes il-lanjanza tieghu ghad-decizjoni liberatorja moghtija favur l-appellati billi jikkritika d-digriet impunjat u dan meta l-Ewwel Qorti ghaddiet ghal liberatorja ta'l-appellati billi stqarret illi r-reat ma kienx gie kommess f'isimhom personalment izda fil-vesti taghhom bhala diretturi tas-socjeta Sovereign Holdings Limited u ghalhekk kellhom jigu imharrka f'dik il-kapacita'.

L-Avukat Generali jikkritika id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma tieghu ir-reat ta' ragion fattasi gie kommess mhux minn socjeta kummercjali, izda mill-appellati fil-vesti taghhom personali li allura ikkomettew l-att spoljattiv.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellati jirrizulta illi l-partikolarijiet taghhom gew indikati korrettament sabiex b'hekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-identita taghhom. Lanqas ma hemm dubbju dwar in-natura tar-reat li jinsabu akkuzati bih fl-imsemmija tahrika. Jirrizulta ukoll illi dan ir-reat ma giex addebitat lilhom bhala rapprezentanti ta' korp guridiku u cioe' tas-socjeta Sovereign Holdings Limited.

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta' kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w li **mill-korp tal-akkuza** jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici [26.5.1995]:-

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

**Izda**:

*"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, **fl-imputazzjoni jew fl-akkuza** – mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza – **ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu**. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[1]"

Stabbiliti dawn il-principji ta' dritt in konnessjoni mar-responsabbilta vikarja tal-appellati ghall-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, jirrizulta mill-provi akkwizti li sa mill-mument li dan il-process penali kellu il-bidu tieghu permezz tar-rapport maghmul mill-parti leza lill-pulizija illi il-proprjeta tal-fond kummercjali fejn allegatament sar ix-xoghol spoljattiv kienet vestita f'idejn is-socjeta Sovereign Holdings Limited li taghha kienu diretturi l-appellati, izda f'dan ir-rapport il-parti leza tallega illi kienu l-appellati li ikkomunikaw is-sistema tad-drenagg ma' taghhom u dan minghajr il-kunsens taghhom kif ikkonfermat fix-xhieda tal-parti leza stess quddiem il-Perit Valerio Schembri innominat mill-Ewwel Qorti. Illi di piu mix-xhieda ta' Renald Caruana li kien ghamel dan ix-xoghol kien l-appellat Paul Camilleri li kien qed jaghtih struzzjonijiet dwar dak li kellu jaghmel u hu dejjem

[1] App. Inf. Il-Pulizija vs Patrick Vella – deciza 31/08/2006

mexa fuq dak li kien jordnalu jaghmel. Illi allura il-fatt wahdu illi l-proprjeta fejn allegatament sehh l-att spoljattiv tappartjeni lis-socjeta Sovereign Holdings Limited ma ifissirx illi l-appellati kellhom iwiegbu ghall-akkuza addebitata bhala rapprezentanti tas-socjeta kif mistqarr mill-Ewwel Qorti. Illi allura l-Avukat Generali ghandu ragun fl-impunjattiva minnu imressqa billi l-Ewwel Qorti erronjament iddccidiet illi l-appellati kellhom jigu imharrka fil-vesti taghhom bhala diretturi tas-socjeta Sovereign Holdings Limited izda gew imharrka gustament billi l-konnotati taghhom kienu tajbin. Issa jekk l-akkuza kellhiex tigi indirizzata fis-sens illi r-reat gie kommess minnhom personlament jew mill-korp guridiku li taghha huma ghandhom ir-rappresentanza, kellha tirrizulta biss wara s-smigh tal-provi kollha u ma ifissirx illi ghas-semplici raguni illi l-parti leza ghamel rapport fejn indika illi l-proprjeta fejn saru ix-xogholijiet allegatament inkriminatorji tappartjeni lis-socjeta allura l-att gie kommess minn dan il-korp guridiku billi mill-ftit provi li hemm fl-atti johrog illi kien l-appellat Paul Camilleri li indika lill-haddiema li kienu qed jezegwixxi ix-xogholijiet fuq istruzzjonijiet tieghu dak li kellhom jaghmlu. Issa jekk l-att kienx wiehed spoljattiv o meno huwa fatt li kellu jigi rimess imbaghad ghal gudizzju tal-Qorti biss wara s-smigh tal-provi. Stabbilit ghalhekk illi l-appellati gew imharrka tajjeb fic-citazzjoni u stabbilit ukoll illi kellu jirrizulta biss mill-provi jekk ir-reat giex kommess mill-korp guridiku jew mill-appellati personalment, l-aggravvju imressaq mill-Avukat Generali jisthoqqlu akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u d-digriet appellat irrevokat. Il-Qorti qed tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex hemm jipprosegwi is-smigh u it-trattazzjoni tal-kawza skont il-ligi.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur